ĦAL TARXIEN

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 41/07 – l-Erbgħa 28 t'Ottubru 2015**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *Wasal 19:00pm* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

## AGENDA

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Staff tal-Kunsill
4. Affarijiet Finanzjarji
    - *Skeda ta' Pagamenti Nru. 30/07- BERĠA*
    - *Skeda ta' Pagamenti Nru. 31/07*
5. Rapport mill-Kunsillieri
6. Ħwejjeġ Oħra
7. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i. Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 39/07 ta' nhar **L-Erbgħa 23 ta' Settembru 2015 fis-18:00pm** ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii. Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 2. Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Perit tal-Kunsill bgħat rapport dwar Triq l-Annunzjata. F'dan ir-rapport, fost affarijiet oħra, l-Perit qed jiddikjara li l-kuntrattur ħaffer 710mm mingħajr ma lilu infurmah. Is-Sindku żied jgħid li kelna battikata biex jirrispondina l-Perit saħansitra kellna nibgħatulu ittra bl-Avukat sabiex jirrispondina. Fost affarijiet oħra fir-risposta tiegħu l-Perit stqarr li l-Kuntrattur VELLA GROUP kien hedded saħansitra lilu biex joħroġ dan il-kont. Dan ir-rapport mibgħut mill-Perit Chris Mintoff lill-Kunsill ġie moqri mis-Sindku waqt il-laqgħa. Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Primary Health kienet bgħatet iċ-ċekk bid-differenza fl-ispejjeż fuq iż-żieda fix-xogħlijiet fil-Berġa. Kompla jispjega li għad fadal biss xi jsir xi xogħol fil-kamra tat-tabib li pero kellu jibda fil-jiem li ġejjin. Sadanittant is-Sindku qal li kif jafu l-Kunsillieri hekk ukoll kif indikat lilhom fl-Agenda, kienu ser jitħallsu x-xogħlijiet relatati ma' dawn ix-xogħlijiet fil-BERĠA għajr dan il-kuntrattur li kien ser jagħmel ix-xogħol fil-kamra tat-tabib, li ladarba ix-xogħol isir kif mitlub jaqbel li l-Kunsill jmexxi bil-pagament, kif ukoll kien ser jinżamm ukoll il-pagament lill-Kuntrattur ROBERT MELI peress li ried jivverifika miegħu xi affarijiet. Berġa

Il-Kunsill qabel unanimament.

iii. Fir-rigward tal-gazebo fi Ġnien Veliko Turnovo, is-Sindku spjega li kellhom isiru xi tiswijiet fil-gazebo peress li xi vandali kienu għamlu xi ħsara fiha. Sadanittant pero is-Sur Denis Calleja diġa beda jiftaħ u din qed tinfetaħ 3 darbiet fil-ġimgħa u qed joqgħod ipinġi hemmhekk. Is-Sur Calleja tella' xi ritratti dwar dan fuq FACEBOOK. Dennis Calleja Jaħdem fil-gazebo 3 darbiet fil-ġimgħa.

iii.i Il-Kunsillier Lawrence Bonavia staqsa dwar il-fondi li fadal pendenti. Is-Sindku Paul Farrugia spjega li l-Kunsill li kien għad jonqsu jirċievi kienu fondi lokali u mhux mill-EU għax dawk kienu diġa ġew issettiljati kollha. Is-Sindku spjega li kien għad jonqos li l-Pannelli li saru fuq il-latrina pubblika jiġu mqabbda mal-*grid*. Żied jgħid ukoll li kellu jagħmel kuntatt ma xi ħadd biex immexxu bl-applikazzjoni. Ġara wkoll li l-aplikazzjoni kellha terġa tiġi mibdula peress li kellhom jinbidlu xi dettalji fuqha. Pero issa jidher li mexjin għax illum konna rċevejna n-notifika li l-applikazzjoni kienet ġiet ipproċessata. Is-Sindku qal li qed jinsisti biex dawn il-fondi jaslu qabel tmiem is-sena. Pannelli imqabbda mal-grid

iii.ii Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li biex il-camera tiġi mwaħħla fuq il-post trid issir minn min kienet inxtrat din il-camera, imbagħad tiġi kkomunikata mad-dawl mill-Kuntrattur tagħna tad-dawl. Cmera fi Ġnien Veliko Turnovo

iv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hekk kif kien ġie spjegat lilhom fil-laqgħat preċedenti, il-Kunsill ikkonferma ma' Island Insurance Brokers f'isem MAPFRE INSURANCE AGENCY LTD li l-kwotazzjoni tagħhom ġiet magħżula peress li kienet l-irħas waħda. Is-Seg. Eżek. qalet li tkelmet mal-Broker u spjegatlu x'kien ġie deċiż fil-laqgħat preċedenti u li dan min-naħa tiegħu kellu jagħtiha risposta qabel l-aħħar tas-sena. Insurance

iv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien reġa ġie l-Kunsill wieħed mill-persuni li qed jagħmlu talba għal rifużjoni fuq xi tyres u għal darb'oħra kellu jerġa jsir rapport l-Għassa ta' Raħal Ġdid peress li din il-persuna beda jagħti bil-ponn u bis-sieq fuq il-bieb ta' barra. Ħsarat fuq vetturi u/jew tyres minħabba stat ta' toroq

iv.i Il-Viċi Sindku Keith Darmanin qal li l-BORD kien iltaqa' u kien iddiskuta dawn iż-żewġ każijiet. Qal li l-BORD kien dehrlu li fiż-żewġ każijiet ma kienx hemm evidenza biżżejjed u għalhekk il-BORD kien qed jirrakomanda lill-Kunsill Lokali sabiex dawn iż-żewġ persuni ma jingħatawx rifużjoni.

iv.ii Il-Kunsillier Lawrence Bonavia staqsa sa fejn kellu jqis dan il-BORD jekk hux tyres biss jew iktar? Is-Sindku wieġeb li l-BORD kellu jqis kollox u jara l-inċident sħiħ.

Is-Sindku Pawlu Farrugia ssuġġerixxa u l-Kunsillier Frans Agius issekonda li l-Kunsill għandu jmexxi mar-rakkomandazzjoni tal-BORD.

Il-Kunsill qabel unanimament.

iv.iii. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li bħala BORD kienet ġiet ippreparata *check list* u dan b'żieda mal-kriterji wżati mit-Transport Malta. Dawn qed ikunu elenkati hawn taħt. Ħatra ta' Bord

*Reference to Claim for Compensation please note that claimant have to submit the following documents so that claim may be assessed properly*

- □ *Covering letter with full details of accident and damages*
- □ *Police Report;*
- □ *Photos of pothole, obstacle, etc. showing clearly exact location and a landmark of the place;*
- □ *Photos of Damages incurred in vehicle*
- □ *Original fiscal receipt of repair works from Mechanic/Vulcanizer;*
- □ *Copy of ID card;*
- □ *Copy of driving license;*
- □ *Copy of car license;*
- □ *Copy of car insurance;*

*Kindly be informed that claim must be reported not later than fifteen (15) days from incident and that it will be evaluated by a Board, which meets regularly, to evaluate similar claims, and any recommendations are passed on to the Local Council for the final decision.*

iv.iv B'żieda ma' dan il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li l-BORD ssuġġerixxa li ladarba jidħol rapport fil-Kunsill, is-Seg. Eżek. għandha tibgħat lil wieħed mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill sabiex jidentifika l-ħofra u jkejjilha, sabiex b'hekk il-BORD ikollu aktar dettal fuq x'hix issir l-evalwazzjoni.

Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment.

v. Rigward it-turf, is-Seg. Eżek. qalet li kienet reġgħet kelmet lill-Avukat tal-Kunsill fejn talabha s-SENTENZA ORIĠINALI tal-Qorti u bgħatitielu. Sal-laqgħa ma kienx għadha rċeviet risposta. Turf tal-ground 5 aside

vi. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li xi residenti kienu għadhom qed javviċinawh b'xi lmenti dwar l-iskart. Saret diskussjoni dwar dan u s-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill dwar il-proċedura li trid tinżamm meta l-Kunsill jibda joħroġ *default notices* lill-Kuntrattur u dan dejjem skond il-*General Conditions* annessi mad-dokument tat-tender għall-ġbir tal-iskart domestiku. Skart Domestiku

vi.i Ġie ssuġġerit li forsi tintbgħat ittra lill-Kuntrattur tal-Ġbir tal-iskart domestiku fejn fiha jiġu identifikati n-nuqqasijiet li qed jirriżultaw f'dan il-kuntratt. Din l-ittra trid tkun iffirmata mis-Sindku kif ukoll mis-Seg. Eżek. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment.

vi.ii Is-Sindku żied jgħid li jidher li kemm ilu Sindku hu, l-ELC qed jonqsu. Dan għaliex jidher biċ-ċar li *pots* bil-fjuri mhux isiru. Kompla s-Sindku li dan jistgħu jikkonfermawh il-Kunsillieri kollha preżenti għaliex mal-Ex Sindku ma kienux iġebdu daqshekk. Is-Sindku qal li Kuntrattur għaż-Żamma ta' Ġonna - ELC

jippretendi li s-servizz li kien jingħata fl-aħħar sentejn mal-Ex Sindku Joseph Abela għandu jibqa' jingħata anke issa li hemm hu bħala Sindku. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din id-dikjarazzjoni. Ser tinġieb għall-attenzjoni tal-Kuntrattur taż-Żamma tal-Ġonna l-ELC.

*Il-Kunsillier Ishmael Dalli wasal fi 19:00pm*

vii. Il-Kunsillier Frans Agius qal li kien hemm min għaddielu xi kummenti fuq il-kennies peress li mhux isir il-knis b'mod regolari. Qal li nforma lil dawn in-nies li l-fondi tal-Kunsill huma tali li l-knis jsir ta' kuljum fil-qalba tar-raħal u ta' darba fil-ġimgħa fil-kumplament tat-toroq l-oħra ġewwa Ħal Tarxien. Kuntratt tal-KNIS

viii. Is-Sindku Paul Farrugia ta merħba lill-Ambaxxattur Vot 16 is-Sur TRISTAN MERCIECA, filwaqt li skuża ruħu li ma taħx merħba qabel, pero dan m'għamlux b'diżrispett imma għax kien hemm *item* apposta f'din il-laqgħa. Ambaxxatur Vot16

ix. Rigward il-konferma lill-Perit Audrey Testaferrata De Noto dwar *it-traffic management* propost fi Triq Kurunell Mass il-Kunsillier Luke Genuis qal li lill-Perita kien ipprova jkellimha imma ma kienetx f'pożizzjoni. Traffic Managment – Triq Kurunel Mas

x. Rigward ix-xogħol fuq il-bandli fi Ġnien Joanne, is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol kien kollu lest u kienu wkoll telgħu xi ritratti fuq il-paġna ta' FACEBOOK Ġnien Joanne

xi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rigward ix-xogħlijiet neċessarji sabiex isir *embellishment* ta' l-area fi Triq Kurunell Mass, kien jinsab imwaħħal minħabba nuqqas ta' komunikazzjoni mal-Perit. Ġnien Kurunell Mass

xii. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li dwar l-ittra ta' AVVIŻ TA' QTUGĦ tad-dawl u l-ilma fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra ma smajna xejn iktar fuqu. Monument Vittmi Gwerra

xii.i B'referenza għal dan il-monument, is-Sindku Paul Farrugia rrimarka li l-ħadid ta' mad-dawra għadu nieqes u dan minn meta kien seħħ l-inċident. Il-Kunsill qabel unanimament li nibgħatu nistaqsu lill-Dr Byron Camilleri bħala avukat tal-kumpanija tal-Assikurazzjoni UNTOURS sabiex jinfurmana f'hix wasal dan il-claim. Inċident monument – Claim Dr Byron Camilleri

xiii. Is-Seg. Eżek. nfurmat lill-Kunsill li t-TM bgħatet 2 ittri fejn : TM

xiii.i L-Awtorita' qed tinforma lill-Kunsill li l-Unit approvat li jsir *reserved parking* quddiem Lotto Office No106, Paola Road Tarxien. Reserved Parking Bay

xiii.ii L-Awtorita' qed titlob lill-Kunsill jekk għandux xi oġġezzjoni sabiex isir Reserved Parking Bay fl-indirizz BINJA ŻIFLA, ENT. A, FLT 1, TRIQ IL-MADONNA TAR-RUŻARJU. Reserved Parking Bay fl-indirizz BINJA ŻIFLA, ENT. A, FLT 1, TIR QIL-MADONNA TAR-RUŻARJU

Il-Kunsill ma kellux oġġezzjonijiet.

xiv. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia nforma lill-Kunsill li nhar l-10 ta' Novembru 2015 il-Kunsill kellu l-appuntament sabiex jiġbor il-Vaċċin kontra l-influwenza filwaqt li kien qed jissuġġerixxi li fl-20 ta' Novembru 2015 bejn id-9:00am u 12:00pm dawn jingħataw lill-madwar 150 persuna li kienu applikaw għalihom. Il-Kunsill qabel li dawn jingħataw fid-data proposta. Vaċċin Infuwenza

xiv.i F'dan ir-rigward is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li ż-żewġ skrivani tal-Kunsill kienu għamlu żball. Dan ħareġ wara li diversi nies li kienu qed iċemplu biex jivverifikaw id-data għat-teħid tal-vaċċin ma kienux jirriżultaw fil-lista tal-applikanti li kienet intbgħatet lid-Dipartiment tas-Saħħa. Jidher li kienu tħallew barra tal-anqas mal-50 persuna. Minn informazzjoni li ngħatatilna mid-Dipartiment, il-Kunsill jrid jistenna sad-9 ta' Novembru 2015 biex jara jekk jistax jingħata l-50 vaċċin extra u dan peress li d-Dipartiment ikun għad irid jivverifika l-ammonti li ser ikollu f'idejgh. Kompla s-Sindku li dan in-nuqqas qed iwassal għall-kummenti negattivi fil-konfront tal-Kunsill. Nuqqas miż-żewġ skrivani impjegati tal-Kunsill – lista mhux kompleta

xv. Il-Kunsillier Frans Agius dwar it-talba sabiex isir żbir tas-siġar ta' quddiem it-Tempji Neolitiċi qal li x'aktarx li l-Kuntrattur tal-Kunsill kien għadu ma ħax ħsieb dan iż-żbir u kien ser jivverifika u jirraporta lura skond il-bżonn. Żbir tas-Siġar quddiem it-Tempji Neolitiċi

xvi. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li llum waslet email mingħand l-Enemalta fejn infurmawna li żewġ lampi fi Triq Anglu Mangion ġew imqabbda b'mod abbużiv u mhux skond il-proċeduri amministrattivi u tekniċi stabbiliti u dawn qed jikkonstitwixxi f'abbuż tar-regolamenti, periklu pubbliku u serq tal-elettriku. Dawn issa ġew skonnetjati u l-Kunsill irid jerġa japplika. Saret diskussjoni dwar dan u s-Sindku qal li jidher li dawn il-bozzoz kienu ilhom snin installati u biex l-Enemalta sabet dawn iż-żewġ bozzoz bilfors li kien hemm xi forma ta' rapport. Ġie deċiż li tintalab iktar informazzjoni lill-Enemalta. Bozo skonnetjati fi Triq Anglu Mangion u Madonna tad-Duttrina

## 3. <u>Staff tal-Kunsill</u>

i. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li jidher li fl-ex sindakat kien hemm ċerta laxkezzi bħal per eżempju ħinijiet bl-addoċċ u xogħol li ma kienx fil-kompetenza tal-Kunsill kien isir xorta waħda u allura ma setgħax isir kontroll fil-konfront tal-istaff. Is-Sindku qal li dan kien qed jgħidu wara ċerta ċirkostanzi li kienu seħħew dan l-aħħar fil-Kunsill mill-impjegati l-Iskrivani Isabella Formosa u Denise Vella. Is-Sindku qal li huwa kien ta struzzjonijiet lis-Segretajru Eżekuttiv sabiex iżżomm aktar kontroll fuq dawn iż-żewġ impjegati għall-fatt li dawn kien qed ikollhom diversi nuqqasijiet. Nuqqasijiet – mill-Iskrivani Isabella Formosa u Denise Vella

i.i Dawn iż-żewġ impjegati kienu qegħdin jingħataw ammont sostanzjali ta' siegħat ta' sahra kull xahar sabiex suppost jitlestew xi xogħlijiet pendenti li l-impjegati ma kenux ilestu waqt il-ħin tal-ġurnata. Irriżulta li dawn iż-żewġ impjegati xorta waħda ma kenux qed jagħmlu x-xogħol mistenni saħansitra l-*filing* kien b'lura mill-2013, 2014 u din is-sena attwali u l-korrispondenza kienet qed tinżamm sfuża f'diversi *box files*. Apparti dan, żied is-Sindku, bejn April 2014 u dan ix-xahar preżenti ma kienux qed jintbgħatu r-rapporti flimkien mal-irċevuti lir-Reġjuni rispettivi sabiex b'hekk kull Reġjun jirrifondi lill-Kunsill l-10% fuq kull ċitazzjoni hekk kif titlob il-liġi. Dan jista' jixdhu hu bħala President tar-Reġjun Xlokk kif ukoll jixhduh d-diversi emails u telefonati li r-Reġjuni kienu qed jagħmlu lill-Kunsill tagħna fejn jinfurmawna b'dan in-nuqqas. U wara kollox dan b'detriment għall-Kunsill tagħna stess għaliex minħabba f'hekk ma konniex qed indaħħlu l-fondi li suppost kellna ndaħħlu.

i.i.i B'żieda ma' dan is-Segretarju Eżekuttiv qalet li meta sa Lulju 2015 baqgħet tirċievi mir-Reġjuni li għad għandhom xi rapporti u rċevuti neqsin, sabiex forsi tissolva din il-problema darba għal dejjem, fittxet hi stess fil-files rispettivi dawn id-dokumenti mitluba u waqt li qed taqla l-files, apparti li hawnhekk ukoll dawn id-dokumenti lanqas kienu ffajljati kif suppost għax il-karti ma kienux magħrbutin anzi mitfugħin sfużi fil-files, qalb il-karti sabgħet xi payment vouchers biċ-ċekkijiet oriġinali mwaħħlin magħhom. Apparti minn hekk żiedet is-Segretarju Eżekuttiv li saħansitra is-sezzjoni tan-*nightsafe deposits* tal-BOV, fejn il-Kunsill jiddepożita l-flus tiegħu kemm il-darba ċemplulna sabiex nerġgħu mmorru personalment niġbru l-boroż tad-depożiti għaliex kien hemm xi diskrepanzi fil-flus mitfugħa ġewwa l-boroż. Dan juri nuqqas ta' responsabbilta' u traskuraġni miż-żewġ impjegati fil-qadi ta' dmirijiethom. Dan l-aġir żgur li ma kienx aċċettabbli.

i.i.ii Is-Seg. Eżek. qalet li b'danakollu kienet infurmat lis-Sindku Paul Farrugia. Is-Sindku ddikjara li kien għalhekk li ta struzzjonijiet lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex is-sahra ta' matul il-ġimgħa tieqaf u tibqa dik tas-Sibt filgħodu għax bilfors u s-sahra ta' Lulju 2015 jiġu kkunsidrati għaliex kien ovvju li waqt il-ħin tas-sahra l-iskrivani ma kenux qed iwettqu xogħolhom sewwa kif bid-dmir li jagħmlu. Għalhekk għax-xaħar ta' Lulju mit-58 siegħa sahra tal-Iskrivana Isabella Formosa kienu tnaqqsu 10 siegħat u l-istess mit-30 siegħa sahra tal-Iskrivana Denise Vella kienu tnaqqsu 10 siegħat.

i.i.iii Spjega s-Sindku li dwar dan, l-Iskrivana Isabella Formosa għamlet rapport lid-DIER - Id-Dipartiment għall-*Industrial and Employment Relations,* u għall-għarrieda ġiet Inspector il-Kunsill tagħmel ċerta mistoqsijiet lis-Segretarju Eżekuttiv. Peress li hu bħala s-Sindku ma

kienx preżenti għal din il-viżta għall-għarrieda, sar appuntament ma' din l-Ispettur tad-DIER fl-uffiċċju tagħha l-Belt għal tlett ġimgħat wara sabiex dan il-każ jiġi diskuss iktar fid-dettal. Attendew hu bħala s-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

i.i.iv Kompla s-Sindku li ż-żewġ skrivani m'għamlux biss rapport għand id-DIER għaliex minn informazzjoni li għandu, l-istess skrivani għamlu laqgħa ma xi kunsillier u/jew kunsillieri biex jilmentaw dwar dan. Filwaqt li staqsa lill-Kunsilleri kollha preżenti jekk hemmx xi ħadd li xtaq jikkonferma dan jew iżid xi ħaġa? Ħadd mill-Kunsillieri ma tkellem.

i.ii. Sadanittant kompla jispjega s-Sindku, lis-Skrivana Denise Vella kienet tefgħat ir-riżenja tagħha. U b'żieda ma li kien għadu kif iddikjara, irrefera lis-Segretarju Eżekuttiv li kienet avviċinatu persuna u qaltlu li din l-Skrivana kienet ser tirriżenja għaliex ma setgħatx taħdem mas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li dan ma kienx minnu għaliex is-Sra Denise Vella kienet kemm il-darba stqarret li hi ma setgħatx tleħħaq mal-ħinijiet imposti tax-xogħol. Infatti tant hu hekk li s-Sra Denise Vella meta tefgħet ir-riżenja stqarret magħha li kienet applikat u ġiet magħżula mal-Kunsill Lokali Gżira biex tkun viċin id-dar. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tispjega li kien proprju għal-ħinijiet li din is-sitwazzjoni kollha bdiet. Dan għaliex l-iskrivani ma kienux qed iżommu mal-ħinijiet tal-ftuħ u għeluq tal-Kunsill. Saħansitra qalet li kien hemm żewġ episodji partikolari fejn meta hija kienet bil-leave irċeviet telefonata mid-Dipartiment Gvern Lokali fuq il-mobile personali tagħha sabiex jiċċekjaw għaliex il-Kunsill darba minnhom fid-8.45am kien għadu ma fetaħx u darb'oħra għaliex fil-11.30am il-Kunsill kien diġa bil-blinds magħluqin u bil-closed imdendla mal-bieb. Dan apparti li kważi ta' kuljum l-iskrivani kienu qed jaslu l-uffiċċju bejn it-8:15am u 8:30am meta suppost il-Kunsill kien qed jiftaħ fi 7:45am. Saħansitra qalet is-Segretarju Eżekuttiv li dan kien qed jiġri anke nhar ta' Sibt meta ż-żewġ skrivani kienu qed jitħallsu *overtime* għal ħin sħiħ ta' bejn it-8:00am u nofsinhar. Żiedet tgħid is-Segretarju Eżekuttiv li dan faċilement setgħu jivverifikawh l-istess Kunsillieri għaliex bħalma jilmentaw magħha n-nies żgur li l-istess jagħmlu magħhom bħala Kunsillieri. Kien is-Sindku biss li kkonferma li hu ġieli rċieva lmenti ta' dan it-tip.

i.iii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li b'żieda ma' dan kollu sadanittant sar jaf li l-Iskrivana Isabella Formosa kien hemm perjodu li tħallset paga iktar milli suppost. Kienet tħallset is-somma ta' €1,180.84 iżjed milli suppost. Is-Sindku qal li bgħat għaliha flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv fejn staqsiha jekk kienetx taf bihom. Is-Sra. Isabella Formosa kienet ikkonfermat miegħu li kienet infurmata b'dan saħansitra meta staqsiha jekk kelliex kopja tal-*workings* li kien ħadem l-Accountant tal-Kunsill hija kienet ikkonfermat li kienet diġa ngħatat kopja meta kien seħħ il-każ. Apparti dan qal is-Sindku li meta ġiet mitluba tispjega għaliex minn Lulju 2013 sal-lum dawn il-flus ma kienux ġew mħallsa lura, hija wieġbet li waqt laqgħa li għaliha kien hemm preżenti l-Ex Sindku Joseph Abela, l-Ex Segretarju Eżekuttiv Paul Pace u l-Asst. Prinċipal Antonella Galea, kienet ingħatat struzzjonijiet li sakemm l-Awdituri ma jindunaw b'xejn hija ma kellha għalfejn tirrifondi xejn pero jekk xi ħadd xi darba jinduna u jitkellem hemmhekk imbagħad kellha tirrifondihom lura. Diment li ħadd ma kien għadu tkellem hija ma rrifondiet qatt xejn. Is-Sindku qal li spjegalha li dan l-aġir kien illegali u li dawn il-flus kellhom jiġu rifużi u dan kien każ ta' miż-approprjazzjoni ta' fondi pubbliċi għaliex dawn kienu flus mgħoddija lill-Kunsill Lokali mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku spjega li kien qalilha li ma kienx ser ikun kattiv magħha u jitlobha s-somma kollha f'daqqa u għalhekk kellha tkun hi li sal-laqgħa li jmiss kellha tinfurmah kif kienet ser tirrifondi lura din is-somma. Is-Sindku qal li għaddew kważi għaxart ijiem u sal-ħin tal-laqgħa tal-lum baqgħet ma kellmitux lura.

i.iii.i Il-Kunsillier Ishmael Dalli staqsa kif dan il-każ ħareġ biss issa fi tmiem l-2015 u mhux fl-2013 meta seħħ. Is-Seg. Eżek. wieġbet li kif jagħmel kull sena l-Accountant tal-Kunsill meta toqrob l-aħħar tas-sena u minħabba l-Audit, jibda jiċċekkja xi affarijiet u jerġa jtella xi pendenzi li jkunu għadhom jidhru fuq il-kotba fosthom din l-*issue*. Għalhekk hekk kif reġa fakkarha li dan il-każ kien għadu pendenti, hija mill-ewwel ġibdet l-attenzjoni tas-Sindku.

i.iii.ii Il-Kunsillier Frans Agius ikkummenta li lilu qatt ma tinżillu li l-Ex Seg. Eżek. setgħa jidħol f'arranġament bħal dan. Is-Sindku wieġbu li kienet l-impjegata stess l-Iskrivana Isabella Formosa li kkonfermat minn kien hemm preżenti waqt il-laqgħa ma l-Ex Sindakat u x'kienu qalulha huma.

i.iii.iii Filwaqt li l-Kunsillier Lawrence Bonavia rrimarka li dan il-każ setgħa kien preskritt.

i.iii.iv Sadanittant is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk xi hadd kienx tkellem dwar dan il-każ mal-Ex Sindku għaliex dakinhar fil-għodu ta' din il-laqgħa l-Ex Sindku Joseph Abela kien ċempel fuq il-mobile personali tas-Seg. Eżek Antonella Galea biex jistaqsiha kif kienet inħarġet din l-istorja wara sentejn rieqda. Ħadd mill-Kunsillieri ma kkonferma li kien kellem lill-Ex Sindku. Is-Seg. Eżek. ikkonfermat li fuq it-telefon l-Ex Sindku Joseph Abela kien staqsiha kienetx tkelmet dwar dan il-każ fil-Kunsill quddiem xi ħadd għaliex xi kunsillier kien semgħa l-każ mill-Kunsill u mar sabu u staqsih dwar dan il-każ.

i.iv Saret diskussjoni fit-tul dwar dan il-każ u kien hemm qbil unanimu li l-ewwel tinkiteb ittra lis-Sra Isabella Formosa mill-Kunsill b'mod uffiċċjali u nagħtuha ċans ftit jiem biex twieġeb u fil-każ li tibqa ma tirrispondix lura imbagħad il-Kunsill jirreferi l-każ għand l-Avukat tal-Kunsill sabiex jipproċedi b'mod legali.

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għas-sejħa għall-Uffiċċjal Eżekuttiv fi Skala 13 kienu applikaw 3 persuni li kienu :- Post Vakanti Uffiċċjal Eżekuttiv Skala 13

* Sra Moira Azzopardi mill-Kunsill Lokali Birgu; *Sra Elizabeth-Ann Richard mir-Reġjun Xlokk; * Sra Isabella Formosa mill-Kunsill tagħna stess.

ii.i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saru l-interviews nhar il-21 t'Ottubru 2015 bejn il-17:00pm u s-18:00pm. Il-Bord tal-Għażla kien kompost minnu bħala s-Sindku, mill-Viċi Sindku Keith Darmanin u mis-Segretarju Eżekuttiv Antonella Galea.

ii.ii. Is-Sindku qal li l-Bord ħareġ b'dawn ir-riżultati wara l-interviews :

- l-ewwel post s-Sra Elizabeth-Ann Richard;
- it-tieni post s-Sra Isabella Formosa;
- it-tielet post s-Sra Moira Azzopardi;

u għalhekk qiegħed jirrakomanda li s-Sra Elizabeth-Ann Richard tintgħażel sabiex timla l-post vakanti fi ħdan dan il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien.

ii.ii.i Il-Kunsill unanimament qabel li s-Sra Elizabeth Ann Richard tintgħażel sabiex timla l-post vakanati għall-Uffiċċjal Eżekuttiv fi Skala 13 mal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien.

ii.iii. Ser jintbgħatu l-ittri skond il-bżonn.

iii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Asst. Direttur responsabbli mill-HR fid-Dipt. Gvern Lokali kien bgħat l-approvazzjoni sabiex it-*trainee* li kellu assenjat miegħu l-Kunsill jkun jista japplika f'każ ta' sejħiet għall-impjegati fil-Kunsill Lokali. Għalhekk peress li l-Kunsill kellu wkoll post vakanti għal Asst. Skrivan fi Skala 16, u miegħu kellu trainee li setgħa japplika, qiegħed jirrakomanda lill-Kunsill li dan il-post vakanti jimtelgħa mis-Sur Christian Farrugia. Post vakanti Asst Skrivan Skala 16

iii.i Il-Kunsill unanimament qabel li s-Sur Christian Farrugia jintgħażel sabiex jimla l-post vakanati għall-Asst. Skrivan fi Skala 16 mal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien.

iii.ii Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġerixxa li min jidħol ġdid niktbulu fil-kuntratt li jrid jidħol jaħdem anke is-Sibtijiet.

## 4. Skeda ta' Pagamenti

L-Iskeda Nru 30/07 BERĠA u Nru 31/07 ġew approvati b'mod unanimu u ġew iffirmati mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

## 5. Rapport tal-Kunsilliera

### *i Rapport mill-Viċi Sindku Keith Darmanin*

i.i Is-Sur Darmanin qal li saru laqgħat tan-Neighbourhood Watch skond kif elenkat hawn taħt:

- IT-TNEJN 5 T'OTTUBRU 2015 FIS-18:30PM
  Triq Agostino Randon, Triq GanantonTanti

- IT-TLIETA 20 T'OTTUBRU 2015 FIS-18:30PM
  Triq Anġlu Mangion, Triq Ġannikol Buhagiar, Triq Karlu Maratta, Triq it-Tamal, Triq il-Madonna tad-Duttrina, Triq Kalamija.

Neighbourhood Watch

i.ii. Il-Viċi Sindku qal li l-Classic Car Show saret u kien hemm numru sabiħ ta' parteċipanti. Classic Car Show

### *ii. Rapport mill-Kunsillier Frans Agius*

ii.i Il-Kunsillier Frans Agius informa lill-Kunsill li fil-vesti tiegħu ta' President Skolastiku kellu laqgħa mal-Kap tal-Iskola fejn dan talab biex l-iskips li kien hemm biswiet il-kanċell fuq wara tal-iskola jiċċaqilqu minn fejn qegħdin sabiex it-tfal jibdew joħorġu minn hemm. Skips biswiet il-gate tal-iskola

ii.ii Il-Kunsill qabel li nitolbu lill-Kuntrattur responsabbli minn dawn l-iskips sabiex iċaqlaqhom minn fejn qegħdin u jpoġġihom fejn jispiċċa tarmak.

iii. Is-Sindku talab lill-Kunsillier Frans Agius timetable tal-korsijiet kollha li qed isiru ġewwa ċ-Ċentru Komunitarju. Timetable tal-korsijiet

iii.i Il-Kunsillier Frans Agius ser jippreżentaha f'laqgħa oħra li jmiss.

### *iv. Rapport mill-Kunsillier Luke Genuis*

iv.i Il-Kunsillier Luke Genuis qal li kien ser ilaqqa' l-kumitat taż-żgħażagħ fi żmien li ġej.

### *v. Rapport mill-Kunsillier Ismael Dalli*

v.i Il-Kunsillier Ismael Dalli qal li ser jiltaqa' mal GREENPAK biex jara x'possibilta hemm sabiex isir il-ġbir tal-ħwejjeġ b'kollaborazzjoni magħhom. *Laqgħa GREENPAK ġbir ta' ħwejjeġ*

### *vi. Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella*

vi.i Is-Sinjura Vella qalet li l-ħarġa li saret nhar t-22 ta Ottubru 2015 ġewwa l-Vivaldi Hotel kienet suċċess u kellha attendenza ta' 71 ruħ.

vi.ii Il-Kunsilliera Vella qalgħet li hemm il-ħsieb li jsir COFFEE MORNING fis-sala tar-RAINBOWS. Iktar dettalji ser tgħaddihom f'laqgħat oħra li jmiss.

## 6. Ħwejjeġ Oħra

i. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa mal-Grupp tal-Pageant minħabba li dawn m'għandhomx post fejn jiltaqgħu peress li kienu ġew imkeċċija mis-sala Dun Bosco ħabba l-istorbju. Kompla s-Sindku li dawn meta talbu lill-Kappillan sabiex ilaqqgħu lill-membri sabiex jinfurmawhom b'dan, il-kappillan infurmahom li ma setgħux peress li kien gej proġett. Il-Grupp tal-Pageant qiegħed jitlob lill-Kunsill sabiex jagħtihom il-permess ilaqqgħu l-membri fiċ-Ċentru Komunitarju.

i.i. Il-Kunsill qabel unanimament li jingħata l-permess.

ii Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li avviċinah ir-resident li jieħu ħsieb in-niċċa tal-Lunzjata fejn infurmah li wara l-maltempata tas-silġ li seħħet, kienu nkissru ħafna mill-bozoz mad-dawra tan-niċċa. Talab sabiex il-Kunsill jixtri mill-ġdid il-bozoz sabiex jinbidlu.

ii.i Il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw dawn il-bozoz.

ii.ii Ġie deċiż ukoll li nitolbu lil dan ir-resident sabiex iżid il-ħin tat-*timer* sabiex id-dawl tan-niċċa jdum iktar mixgħul.

iii. Fuq talba mis-Sna Antonella Galea-Segretarju Eżekuttiv, il-bilanċ tal-leave ta' din is-sena attwali li mhux meħud minħabba esiġenzi tax-xogħol u li jammonta għall- 50.75 –il siegħa, ser jiġi trasferit għas-sena 2016.

PROPONENT : Sindku - Kav. Paul Farrugia
SEKONDANT : Viċi Sindku - Sur Keith Darmanin

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fi 21:00pm

Laqgħa oħra ser tinżamm TLIETA 24/NOV/2015 fis-6.00pm

**Kav. Paul Farrugia** KLJ CMLJ
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**